MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Numru 1087/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Griggio Lisa Chloe`**

**Pauline Christiane Jeane Petracin`**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Griggio Lisa Chloe` ta 16-il sena bint Arnoud u Laurence xebba Pomin, imwielda Albertville Franza nhar is-

7.7.1997, u residenti L-Estiva 72440 Les Menuires, Franza u detentrici tal-karta tal-identita` Franciza Numru:70473100096.

U

Pauline Christiane Jeane Petracin` ta' 16-il sena bint Stephane u Marie-luce xebba Barois, imwielda Moutiers Franza nhar il- 11.05.1997 u residenti Place Du Clos 73.210 Saint-Bon Courchevelle, Franza u detentrici tal-karta tal-identita` Franciza Numru: 111173100732.

Akkuzati talli nhar il-31 ta' Ottubru 2013 ghal habta tas-6.00pm min diversi hwienet tal-hwejjeg fil-Belt Valletta, ikkomettew serq, ikwalifikat bil-valur u bil-hin, u dan ghad detriment tad-diretturi tal-istabillimenti ta' Mango, Miss Selfridge u Jennyfer bi ksur tal- Kapitolu 9, Artikolu 261(c)(f) tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jerghu jikkonsidraw t-twegiba u jerghu lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghhom .

Illi ghal fini ta’ piena il-Qorti hadet in kusiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati , il-fedina penali taghhom li hi wahda netta, il-fatt li kkoperaw mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghhom u rritornaw immedjatament ir-resfurtiva. Il- Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputati jidhru ddisspjacuti ta’ dak li ghamlu, kif ukoll li huma minuri u li ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(c) u (f), 267, 270, 279 (a), 280(1) tal- Kapitolu 9 issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal- kunsiderazzjoni fuq maghmula u b’applikazzjoni tal- Artikolu 57 tal- Kapitolu 9 u tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien 3 (tlett) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------